**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 481/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**-Vs-**

**GERALD GILFORD**

**Illum, 7 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **GERALD GILFORD** ta' 42 sena, iben Philip u Michaelina nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar il 13 ta' April 1976 u residenti 15, Triq San Mikiel, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0191976M, li tressaq quddiemha akkuzat talli nhar il- 1 ta' Lulju 2018 ghall-ħabta ta' sagħtejn ta' filgħodu (0200hrs) ġewwa l-istabbiliment Beach Club, Marsascala, u/jew fil-viċinanzi :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-perikolu ċar, ikkaġunajt ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Adrian Gravina.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni ta' kawża wara astensjoni jew rikuża, hekk kif mogħti mis-S.T.O. il-Prim'Imħallef fis-26 ta' Marzu 2019 ;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li jeżentaw lil din il-Qorti mill-ħtieġa li terġa' tisma' x-xhieda li diġa xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali magħmula a tenur tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub:-

- fl-artikoli 214, 216 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 l-imputat, fil-prezenza tal-avukat tieghu ddikjara li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2021;

Rat illi l-kawza tħalliet għal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi f'din il-kawża jirriżulta illi fl-1 ta' Lulju 2018 ghall-habta tas-2.30 a.m. Adrian Gravina irrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Marsascala illi ftit tal-ħin qabel huwa kellu argument ma' *bouncer* gewwa l-istabbiliment Beach Club Marascala, iżda ma xtaqx jagħmel rapport minħabba l-fatt illi "*dan jinvolvi lilu illi jitla' l-Qorti*". Meta rega' rrapporta l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsascala iktar tard fl-istess jum għall-ħabta tal-10.00 p.m. Adrian Gravina stqarr illi meta kien qed ikellem lil certu tfajla ġewwa l-beach club, wara ftit avvicinah "*persuna maskili mhux maghrufa*" li imbottah u sussegwentement, waqt li kien ħdejn siehbu u t-tfalja tieghu, avviċinah *bouncer* minn wara, qabdu minn daharu u tah daqqa b'rasu u laqtu f'imnieħru. Stqarr li l-*bouncer* jismu Jeremy.

Il-Pulizija tad-Distrett stabilixxew illi l-persuna involuta f'argument ma' Adrian Gravina kien l-imputat li sussegwentement, fis-6 ta' Lulju 2018, wara li ngħata struzzjonijiet biex jirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija u ngħata d-drittijiet legali tiegħu skont il-liġi[1], ta l-verżjoni tieghu lil PC 1569 Darryl Farr dwar l-inċident li seħħ ma' Adrian Gravina fl-1 ta' Lulju 2018. L-istess PC 1569 Darryl Farr xehed illi skont l-imputat, Adrian Gravina kien qed jittanta l-mara ta' ħaddiehor u mar iwaqqfu milli jkompli jagħmel dan iżda huwa kien qed "*iparla fil-vojt*" u xorta reġa' mar jittanta din il-mara. L-imputat kompla jistqarr illi ghalkemm huwa reġa' wissieh biex ma jkomplix idejjaq lin-nies, Gravina xorta waħda baqa' jaqbad magħhom f'liema stadju ġie wiċċ imb'wiċċ mieghu u tah daqqa ta' ras u tefgħu 'l barra mill-istabbiliment.

Meta xehed quddiem il-Qorti[2], Adrian Gravina qal li huwa kien fl-istabbiliment Beach Club u beda jitkellem ma' tfajla li fuq mistoqsija tiegħu, qaltlu li hija *single*. Dak il-hin ġie fuqu raġel li imbottah u staqsih x'kien qed jagħmel hemm, u huwa telaq 'l hemm u mar ma' mejda. Xehed illi wara ftit tal-ħin ġie fuqu l-*bouncer*, ħatfu biex jipprova joħorgu mill-istabbiliment u meta huwa pprova jirraġuna miegħu u staqsih għaliex kien sejjer jitfgħu 'l barra, qal li l-ieħor dar ghħlih, qabdu minn idejh, "*konna*

[1] Vide Dok. OS3, fol. 14.
[2] Fil-5 ta' Dicembru 2018 u fit-2 ta' April 2019.

*qeghdin wiċċ imb'wiċċ, tani daqqa b'rasu, qasamhieli*"[3], b'referenza ghal imnieħru. Fil-fatt huwa xehed ukoll hekk: "*Hu għollini u daqqa go rasi, hawn go imnieħri*"[4] u mbaghad qabdu wkoll minn ġenbu biex jitfgħu 'l barra. Ix-xhud fisser ukoll illi meta l-*bouncer* għollih minn ġenbu, il-qmis tiegħu iċċarrtet u huwa weġġa' tant illi kellu farrett. Quddiem il-Qorti waqt it-tieni depożizzjoni tieghu[5], Adrian Gravina identifika lill-persuna li qabdu minn sidru u tah daqqa ta' ras ġo imniehru, bħala l-imputat, Gerald Gilford, iżda ma ftakarx la d-data u lanqas ix-xahar meta seħħ dan l-inċident.

Id-dinamika tal-inċident kif ġie deskritt minn Adrian Gravina fix-xhieda tieghu hija, fil-fehma tal-Qorti, konsonanti mal-verżjoni mogħtija mill-imputat lil PC 1569 Darryl Farr u lil PC 925 Mechior Bruno li entrambi xehdu quddiem il-Qorti illi l-imputat qalilhom li ġie wiċċ imb'wiċċ ma' Adrian Gravina, tah daqqa ta' ras u tefgħu 'l barra mill-istabbiliment. Imbaghad, id-deskrizzjoni mogħtija minn Adrian Gravina dwar il-manuvri tal-imputat u l-mod li bih qabdu u għollih minn ġenbu tant illi qattagħlu l-qmis u kkaġunalu ferita f'sidru, tikkombaċċja sewwa mal-offiżi riskontrati mit-tobba li ezaminaw lil Adrian Gravina ftit tal-hin wara din il-kollutazzjoni.

Dr. Mario Abela, li ezamina lil Adrian Gravina fl-1 ta' Lulju 2018 fil-11.35 a.m., xehed[6] illi kellu brix fuq il-pont ta' mniehru fil-*lower forehead*, kif ukoll inċiża dritta u superficjali ta' 9 centimetri fuq in-naha tax-xellug ta' sidru. Din il-ferita partikolari tidher ukoll fir-ritratt Dok. RM1[7]. Imbaghad, mill-X ray li ttiehed fuq struzzjonijiet tal-istess tabib, irriżulta illi Adrian Gravina kellu ksur fl-għadma tal-imnieħer[8] li ġiet deskritta bħala "*frattura minimament imcaqalqa tal-ghadma tal-imnieher*"[9]. Dr. Edith Vassallo, ir-radjologista li ezaminat l-X ray tal-imnieħer, xehdet hekk: "*There weren't any previous ... so there weren't any signs that this patient had previous trauma ... so in all probability it was new and there wasn't any callous formation ... so most likely*

---

[3] Fol. 26.
[4] Fol. 25.
[5] 2 ta' April 2019.
[6] 9 ta' Mejju 2019.
[7] Fol. 121.
[8] Ara xhieda Dr. Charmaine Zahra, 28 ta ' Mejju 2019.
[9] Xhieda Dr. Edith Vassallo, 5 ta' Lulju 2019.

*new yes*."  Din ix-xhud fissret ukoll[10] illi waslet għal din il-konklużjoni anke minhabba l-fatt illi kieku l-ksur kien wiehed antik jew ikun diġa' fieq, ma kienx jidher dak li hija ssejħet "*a radio lucency*" li f'dan il-każ kien jidher sew fl-X ray ta' Adrian Gravina.  Għall-Qorti din ix-xhieda tkompli tafferma li l-ksur riskontrat f'imnieħer Adrian Gravina kien ikkaġunat mid-daqqa ta' ras li huwa xehed kien tah l-imputat b'rasu, kif del resto ġie affermat mill-imputat innifsu fil-verżjoni li huwa ta lill-Ufficjali tal-Pulizija fis-6 ta' Lulju 2018.

Il-Qorti wara li rat ix-xhieda, ma ghandha l-ebda diffikolta` kwalsiasi tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli ghaliex hija moralment konvinta illi bid-daqqa li ta lil Adrian Gravina b'rasu u bl-aggressjoni li biha keċċih mill-istabbiliment, l-imputat kisirlu mnieħru u kkaġunalu ġriehi oħrajn f'ġismu.  Il-provi juru b'mod konklussiv li fl-1 ta' Lulju 2018 ġewwa l-istabbiliment Beach Club f'Marsascala, l-imputat ħebb għall-vittma billi ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu, tah daqqa ta' ras f'imnieħru u kissirulu, u sussegwentement qabdu minn ġenbu u tefghu 'l barra mill-istabbiliment.  Din il-verżjoni, oltre li baqghet ma ġietx kontradetta, hija sorretta ulterjorment mix-xhieda tat-tobba li xehdu quddiem il-Qorti dwar il-leżjonijiet riskontrati fuq il-persuna ta' Adrian Gravina waqt l-eżamijiet mediċi kondotti fuqu fl-1 ta' Lulju 2018, liema leżjonijiet il-Qorti tqis li huma inkonfutabbilment kompatibbli mad-dinamika tal-kollutazzjoni li seħħet bejn l-imputat u Adrian Gravina, kif deskritt fix-xhieda tiegħu.  B'żieda ma' dan, ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-ksur fl-imnieħer ta' Adrian Gravina, riskontrat fl-X ray li ttieħed dakinhar stess, kien wieħed frisk.

Għalkemm dan kollu magħdud huwa sufficjenti biex tinstawra fil-Qorti l-konvinċiment morali li kien l-imputat li kkaġuna l-offiżi sofferti minn Adrian Gravina fl-1 ta' Lulju 2018, hija ma tistax twarrab il-fatt illi kif jirriżulta mix-xhieda ta' PC 1569 Darryl Farr u PC 925 Melchior Bruno, l-imputat stqarr magħhom illi effettivament, fl-1 ta' Lulju 2018 huwa kien ta daqqa ta' ras lil Adrian Gravina biex jitfgħu 'l barra mill-istabbiliment Beach Club għaliex kien qed ikun ta' fastidju għal xi

[10] Xhieda Dr. Edith Vassallo, 24 ta' Settembru 2019.

klienti oħrajn. Din l-istqarrija hija effettivament ammissibbli bħala prova għaliex jirriżulta li l-imputat ġie mwissi dwar u ingħata d-drittijiet legali tiegħu qabel irrilaxxa l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi anke jekk, għal mument, kellu jigi aċċettat li Adrian Gravina kien qed idejjaq lil xi persuni fl-istabbiliment in kwistjoni u li l-imputat kien awtorizzat ikeċċih mill-istabbiliment, dan ma jfissirx li l-użu tal-forza fiżika biex jagħmel dan kien wiehed la meħtieġ u lanqas leġittimu, ġaladarba ma jirrizulta minn imkien mill-provi u mill-atti proċesswali li Adrian Gravina rreżista b'mod fiżiku t-tentattiv tal-imputat biex joħrogu mill-istabbiliment. Wisq anqas għalhekk seta' l-imputat leġittimament jaggredixxi lil Adrian Gravina b'daqqa ta' ras u jaqbdu minn ġenbu kif jirriżulta mix-xhieda. Il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova kwalsiasi, wisq anqas sal-grad tal-probabbli, li l-imputat ġie provokat minn Adrian Gravina jew li d-daqqa ta' ras li huwa tah kienet ir-rejazzjoni tiegħu għal xi azzjoni jew provokazzjoni inġusta fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, jibqa' biex jigi mistħarreġ u stabbilit, għall-fini ta' ħtija o meno għar-reat taħt l-Artikolu 216 u 218 tal-Kap. 9, kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni, jekk l-imputat għandux jinstab ħati li kkaguna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Gravina. Mill-provi jirriżulta illi l-vittma kellu inċiżjoni superfiċjali f'sidru kif ukoll ksur fl-għadma tal-imnieħer[11] li ġie deskritt bħala "*frattura minimament imcaqalqa tal-ghadma tal-imnieher*"[12].

Imbaghad, filwaqt li hu ovvju li l-inċiżjoni superfiċjali li tidher fir-ritratt Dok. RM1 u li ġiet kostatata mit-Tabib Dr. Mario Abela, ma tirrientrax fid-definizzjoni ta' offiża ta' natura gravi a tenur tal-Artikou 218 jew 216 tal-Kap. 9 u konsegwentement ghandha titqies bħala offiża ta' natura ħafifa, il-Qorti tqis li jeħtieg stħarriġ iktar

[11] Ara xhieda Dr. Charmaine Zahra, 28 ta ' Mejju 2019.
[12] Xhieda Dr. Edith Vassallo, 5 ta' Lulju 2019.

profond sabiex jigi determinat jekk fil-każ in diżamina, il-ksur riskontrat fl-imnieħer tal-vittma għandhiex titqies bħala offiża ta' natura gravissima a tenur tal-Artikolu 218, jew ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, jew inkella bħala offiża ta' natura ħafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-istess Kap. 9.

Illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku tagħna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet ġiet ikkagunata dik l-offiża, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża."*[13]

Minn dak li xehdet ir-radjoloġista Dr. Edith Vassallo, li eżaminat l-X-ray tal-imnieħer ta' Adrian Gravina, jirriżulta li b'konsegwenza ta' dan il-ksur "sottili"[14], l-għadma tal-imnieħer ġiet imċaqalqa minimament[15], liema offiża ġiet deskritta fiċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Charmaine Zahra bħala "*subtle undisplaced fracture of the nasal bone*" u dan abbażi tar-riżultanzi tar-rapport tal-istess radjoloġista .

Il-paragrafi tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 li huma relevanti għall-offiżi in diżamina, huma s-segwenti paragrafi tas-subartikolu (1), li jiddisponu li l-offiża fuq il-persuna hija gravi:-

---

[13] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.
[14] Fol. 83.
[15] Xhieda Dr. Edith Vassallo, 5 ta' Lulju 2019.

*a) jekk tista' ġġib periklu -*

*...*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;*

*...*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Huwa minnu illi fil-każ in diżamina, it-tabiba Dr. Charmaine Zahra kkonfermat fix-xhieda taghha li l-ksur tal-imnieħer normalment jiġi klassifikat bħala offiża ta' natura gravi, iżda l-Qorti ma rriskontrat fl-atti l-ebda prova illi effettivament l-offiża mġarrba minn Adrian Gravina ma fieqitx mingħajr ma tikkaġuna difett permanenti f'imnieħru jew debbulizza permanenti fil-funzjoni tal-istess imnieħer u lanqas ma ntwera li dan il-ksur ikkaġuna mankament jew sfreġju f'wiċċu. Din il-prova hija waħda li kienet tispetta lill-Prosekuzzjoni, iżda oltre għall-prova dwar ix-xorta tal-offiża, hija **ma ressqet l-ebda provi biex jiġi stabbilit illi din l-offiża tippossjedi waħda mill-karatteristici tal-offiża gravi fuq il-persuna kif imfissrin fl-Artikolu 216, wisq anqas a tenur tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9**.

A propositu ta' mankament, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, ġie ritenut hekk:

"*B'mankament ... fil-wiċċ, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci notevole o complessivo, o per l-entita' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235).*"

Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala

sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[16]. F'kull każ, kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari, għaliex dak li hu importanti hu **l-effett li l-ħsara tħalli fuq il-wiċċ**.

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiż fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wiċċ (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiża f'wiċċ Sultana bħala* ***sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiża kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ u kienet tidher minn distanza normali****."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[17] fejn intqal illi:-

*"...* ***ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant*** *... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tosserva ma nġabux provi sodisfaċjenti illi l-frattura sottili riskontrata fl-imnieħer wasslet biex

[16] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.
[17] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

tikkaġuna wkoll xi asimettrija fl-għadma tal-imnieħer jew xi tgħawwig jew diformita` oħra vizibbli. Kemm hu hekk, filwaqt li Dr. Edith Vassallo xehdet li l-għadma tal-imnieħer kienet « *minimament imcaqalqa* », fir-rapport tagħha (Dok. EV1) hija ddeskriviet il-frattura bħala « *undisplaced* ». **Rinfaċċjata b'dan il-kunflitt bejn iż-żewġ termini applikati mir-radjoloġista fid-deskrizzjoni tal-effetti viżibbli tal-ksur fl-imnieħer, u fin-nuqqas ta' prova li turi li l-ksur ikkaġuna xi devjazzjoni estetikament notevoli jew xi ħsara li hija viżibbli oġġettivament, u stabbilit ukoll li l-ksur fl-imnieħer normalment ifieq wara sitt ġimgħat[18], il-Qorti ma tħossx li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi l-offiża li ġarrab Adrian Gravina meta ġie aggredit mill-imputat, ikkagunat sfreġju jew mankament f'wiċċu.**

Għaldaqstant, l-offiżi kollha jirriżulta illi ġarrab l-istess Adrian Gravina b'effett tal-aggressjoni tal-imputat, ġaladarba ma ġiex ippruvat li jgibu xi waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikoli 218 jew 218, għandhom jitqiesu li huma lkoll offiżi ta' natura ħafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9, b'applikazzjoni tal-prinċipju *in dubio pro reo.*

.

Illi kwantu għall-fatt illi fin-nota tiegħu tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Generali ma indikax speċifikatament l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 li jipprospetta r-reat ta' offiza ħafifa fuq il-persuna, il-Qorti tqis li huwa evidenti anke mid-definizzjoni tal-offiża ta' natura ħafifa - li fl-istess Artikolu 221[19] hija mfissra bhala offiża li ma ġġib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offiżi li huma klassifikati bħala gravi- illi dan ir-reat huwa wiehed minuri **li huwa kompriż fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9**.

---

[18] Xhieda ta' Dr. Edith Vassallo, 24 ta' Settembru 2019, fol. 96.

[19] 221(1) *L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għalżmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.* (2) *Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin.Meta l-effett tal-offiża hu ta' importanza żgħira.*

Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg** moghtija fl-10 ta' Novembru 2005:-

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Adrian Gravina, taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li m'hijiex netta u li turi wkoll kif l-imputat diġa' ġie misjub ħati fil-passat li weġġa' persuna oħra volontarjament. Madanakollu, ma jidhrix illi l-imputat f'dawn l-aħħar għoxrin sena wettaq xi delitt ieħor. Fl-istess waqt, żammet ferm ukoll il-gratuwita' tal-aggressjoni mwettqa mill-imputat fil-konfront tal-vittma li kif stabbilit, ma għamel xejn biex jipprovoka rejazzjoni daqshekk estrema u vjolenti fil-konfront tiegħu. Ħadet qies ukoll tal-fatt li għad illi ma ġiex ippruvat li l-ġrieħi mġarrba mill-vittma kienu gravi fit-tifisira tal-liġi, l-aggressjoni tal-imputat wassal għall-ksur tal-imnieħer tal-vittma u għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, dan l-aġir ma jistax jitqies li jimmerita piena fil-minimum.

In konklużjoni għandu jiġi osservat illi fiż-żmien meta l-imputat ikkommetta id-delitt taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9, ċioe' fl-1 ta' Lulju 2018, il-piena fuq sejbien ta' ħtija

għal dan id-delitt kienet ta' priġunerija għal żmien mhux iktar minn ħames snin jew il-multa: piena li ġiet miżjuda minn massimu ta' tliet (3) priġunerija[20] permezz tal-emendi li ġew introdotti ftit tax-xhur qabel meta daħal fis-seħħ l-Att XIII tal-2018 fit-30 ta' April 2018. Madanakollu, sussegwentement, fl-20 ta' Lulju 2018, il-piena għar-reat taħt l-istess Artikolu 221(1) tal-Kap. 9, reġgħet tbiddlet u ġiet imnaqqsa għal priġunerija ta' mhux iktar minn sentejn jew il-multa.

Għaldaqstant, ġaladarba l-piena għar-reat li l-imputat qed jinstab ħati tiegħu llum, hija inqas severa minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien tar-reat, il-Qorti tqis illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Kap. 9, l-imputat għandu jingħata l-piena l-inqas gravi ċioe' l-piena applikabbli llum.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil GERALD GILFORD ħati biss talli kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Adrian Gravina u tikkundannah tmien (8) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Adrian Gravina, il-Qorti qiegħda torbot lill-ħati, cioe` lil GERALD GILFORD b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) li ma jimmolestax lill-istess Adrian Gravina u dan għal żmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

[20] Jew il-multa.

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**